Għaldaqstant, qiegħda tinterpellakom sabiex, fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data ta' din l-ittra, tersqu għall-ħlas tad-danni kollha sofferti b'riżultat tal-imsemmi inċident. Fin-nuqqas li tagħmlu dan, ser jittieħdu proċeduri ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tidderieġu ruħkom.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 30 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

five thousand seven hundred and eighty two euro and sixty eight cents (€5,782.68) with costs and interest.

That the interpellant company was constrained to pay the said sum to the plaintiffs once the insurance was the one concerned, in terms of Cap. 104 of the Laws of Malta;

That as at the time of the alleged accident, you Liudmila Maksyuta were not covered by the insurance policy issued by the interpellant company, the interpellant is holding you and the insured Joseph Mary Portelli responsible for the amount of five thousand seven hundred and eighty two euro and sixty eight cents (€5,782.68) which she was condemned to pay by arbitration in the names above premised, and this in terms of Cap. 104 of the Laws of Malta.

Therefore, you are being solicited so that, within ten (10) days from the date of this letter, you come forward for the payment of all the damages suffered as a result of the said accident. If you fail to do this, further Court procedures will be taken against you without any other prior notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2872

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-4 ta' Marzu, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 18/2026, fl-ismijiet APS Bank plc vs Ashley John Galea et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lill-intimat Ashley John Galea a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 6 ta' Jannar, 2026

Lil: Ashley John Galea (KI 393006L) ta' 41, Moonflower, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar; u

Laura Jean Temple

Permezz tal-preżenti APS Bank plc (C2192) ta' APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4012, jinterpellakom sabiex fi żmien ħmistax-il gurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, tħallsu lill-mittenti s-somma ta' €171,030.35 dovuta kwantu għas-somma ta' €141,658.69 bħala bilanċ ta' debitu

By means of a decree of the 4th March, 2026, in the records of the judicial letter number 18/2026 in the names APS Bank plc vs Ashley John Galea et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Ashley John Galea in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 6th January, 2026

To: Ashley John Galea (ID 393006L) of 41 Moonflower, Triq il-Lampuki, St Paul's Bay

Laura Jean Temple

By means of this present APS Bank plc (C2192) of APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4012, calls upon you so that within fifteen days from the service of this judicial letter, you pay the interpellant the sum of €171,030.35 due as for the sum of €141,658.69 as balance of debt of House

ta' House Loan Residential Account numru 2000145030-7 u kwantu għas-somma ta' €29,371.55 bħala bilanċ ta' debitu ta' Interest Current Disposal Account numru 3944151002-6.

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri skont il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-interessi ulterjuri fuq l-imsemmi House Loan Residential Account numru 2000145030-7 bir-rata ta' 8% fis-sena b'effett mill-1 ta' Jannar, 2026, sad-data tal-ħlas effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed tiġi ppreżentata ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Loan Residential Account number 2000145030-7 and as for the sum of €29,371.55 as balance of debt of Interest Current Disposal Account number 3944151002-6.

In default further steps according to law will be taken.

With costs and further interest on the said House Loan Residential Account number 2000145030-7 at the rate of 8% per annum with effect from the 1st January, 2026, till the date of effective payment.

This judicial letter is being filed in terms of Cap. 12 and Cap. 16 of the Laws of Malta.

Registry of the Superior Courts, today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2873

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Ottubru, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2463/2026, fl-ismijiet Elmo Insurance Limited vs Jasmin Rajkovic et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jasmin Rajkovic u Tijana Rajkovic a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 14 ta' Lulju, 2026

Lil Jasmin Rajkovic (KI 106079A) ta' Pixel Court, Fl 9, Vjal ir-Riħan, San Ġwann, u Tijana Rajkovic (KI 214044A) ta' Pixel Court, Fl. 9, Vjal ir-Riħan, San Ġwann

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, is-soċjetà Elmo Insurance Limited (C3500), ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, tagħmel referenza għall-inċident tat-traffiku li seħħ nhar il-25 ta' Lulju, 2024, f'Santa Venera bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni PEF-225 u dik bin-numru ta' reġistrazzjoni FDA-209, proprjetà ta' Tijana Rajkovic u misjuqa minn Jasmin Rajkovic fil-ħin tal-inċident (l-'Inċident' ).

Is-soċjetà mittenti tavżakom formalment li fil-fehma tagħha jidher ċar illi l-istess inċident seħħ unikament minħabba tortijiet attriwibbli unikament lill-istess Jasmin Rajkovic u konsegwentement permezz tal-preżenti, u filwaqt li qed tagħmel referenza espressa għall-artikolu 15(4) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà mittenti qed tavżak formalment li hija bi ħsiebha tħallas l-imsemmija danni hekk kif mitluba, sakemm ma tirċevix oppożizzjoni bil-miktub min-naħa tiegħek fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta tiġi debitament notifikat b'din l-ittra uffiċjali.

By means of a decree of the 13th October, 2026, of the Court of Magistrates (Malta), in the records of the judicial letter number 2463/2026, in the names Elmo Insurance Limited vs Jasmin Rajkovic et, ordered the following publication for the purpose of service of Jasmin Rajkovic and Tijana Rajkovic in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 14th July, 2026

To Jasmin Rajkovic (ID106079A) of Pixel Court, Fl 9, Vjal ir-Riħan, San Ġwann, and Tijana Rajkovic (ID 214044A) of Pixel Court, Fl. 9, Vjal ir-Riħan, San Ġwann

By means of this judicial letter, Elmo Insurance Limited (C 3500), of Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, refers to the traffic accident which occurred on 25th July, 2024, at Santa Venera between the vehicle bearing registration number PEF-225 and vehicle bearing registration number FDA-209, owned by Tijana Rajkovic and driven by Jasmin Rajkovic at the time of the accident (the 'Accident').

The interpellant company hereby formally notifies you that, in its considered opinion, it is evident that the Accident occurred solely as a result of faults attributable exclusively to Jasmin Rajkovic and consequently, by means of this present, and with express reference to Article 15(4) of Cap. 104 of the Laws of Malta, the interpellant company formally notifies you that it intends to settle the damages claimed, unless it receives written opposition from you within ten (10) days from the date on which you are duly notified with this judicial letter.

Inoltre s-soċjetà mittenti tavżakom illi, minkejja l-obbligi ċari u espressi li jirriżultaw mill-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni fis-seħħ, intom inqastu milli tippreżentaw liċenzja tas-sewqan valida tal-imsemmija Jasmin Rajkovic flimkien ma' kwalsijasi dokumentazzjoni anċillari, Dan in-nuqqas jikkostitwixxi ksur serju u sostantiv tal-kundizzjonijiet tal-polza, bil-konsegwenza li intom prekluži milli tinvokaw, tibbenefikaw minn, jew titolbu kopertura taħt l-imsemmija polza fir-rigward tal-inċident in eżami.

Furthermore, the interpellant company notifies you that, notwithstanding the clear and express obligations arising under the terms and conditions of the insurance policy in force, you failed to produce a valid driving licence for the said Jasmin Rajkovic, together with any ancillary documentation requested. This failure constitutes a serious and breach of the conditions of the insurance policy, with the consequence that you are precluded from invoking, benefiting from, or ask for cover under the said policy in relation to the accident under consideration.

Għaldaqstant, permezz tal-preżenti, is-soċjetà Elmo Insurance Limited qed tavżak b'mod ċar li, f'każ li tkun kostretta tagħmel kwalunkwe ħlas lil terzi b'riżultat tal-inċident, hija se tipproċedi immedjatament u mingħajr preavviż b'azzjoni ta' rinvalza kontra tagħkom, u se titlob ir-rifużjoni sħiħa ta' kull somma mħallsa, flimkien ma' mgħax, spejjeż, u kull aċċessorju ieħor permess mil-liġi.

Thus, by means of this letter, Elmo Insurance Limited hereby gives you formal notice that, should it be constrained to make any payment to third parties as a consequence of the Accident, it shall proceed immediately, and without further notice, to institute recovery proceedings against you and shall seek reimbursement in full of every sum so paid, together with interest, costs, and any other accessory permitted by law.

Dan l-avviż qed jingħata u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet kollha tas-soċjetà mittenti, li qed jiġu espressament riżervati, inkluż id-dritt li tieħu kwalunkwe azzjoni legali oħra li tqis xierqa fil-konfront tiegħek.

This notice is being given without prejudice to all the rights of the interpellant company, all of which are expressly reserved, including the right to institute any other legal proceedings which it may deem appropriate against you.

Tant sabiex tkunu tafu timxu

So much so that you know how to proceed

Bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-preżenti

With interest and the costs of this judicial letter

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 30 ta' Ottubru, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2874

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta'Ottubru, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2818/2026, fl-ismijiet Elmo Insurance Limited vs Christian Cachia, giet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Christian Cachia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 13th October, 2026, of the Court of Magistrates (Malta), in the records of the judicial letter number 2818/2026, in the names Elmo Insurance Limited vs Christian Cachia, ordered the following publication for the purpose of service of Christian Cachia in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

In the Court of Magistrates (Malta)

Illum 20 ta' Awwissu, 2026

Today, 20th August, 2026

Lil Christian Cachia (KI 211681M) ta' Fl. 8 Triq Jean Houel, Blk H, San Ġiljan

To Christian Cachia (ID 211681M) of Fl. 8 Jean Houel Street, Blk H, St Julian's

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, is-soċjetà Elmo Insurance Limited (C3500), ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, tagħmel referenza għall-inċident tat-traffiku li seħħ nhar it-13 ta' Ġunju, 2025, f'Birkirkara bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBO-427 u l-vettura bin-numru ta'

By means of this judicial letter, the company Elmo Insurance Limited (C3500), of Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, refers to the traffic accident which occurred on the 13th June, 2025, in Birkirkara between the vehicle with registration number EBO-427 and the vehicle with registration number

reġistrazzjoni CEI-875, misjuqa minnek fil-ħin tal-inċident (l-'Inċident' ).

Is-soċjetà mittenti tavżak formalment li, b'segwitu għall-imsemmi inċident, hija ġiet notifikata b'ittra uffiċjali intavolata fil-11 ta'Awwissu, 2026, mis-sid tal-vettura EBO-427 u mill-assikurazzjoni tiegħu, li permezz tagħha s-soċjetà mittenti ġiet interpellata sabiex tagħmel tajjeb għad-danni sofferti bħala riżultat tal-istess inċident, li jammontaw għas-somma ta' €1,175.38.

Illi jirriżulta illi, fil-mument tal-inċident de quo, inti kont qiegħed issuq il-vettura inkwistjoni minkejja li l-liċenzja tas-sewqan tiegħek kienet ġiet revokata u/jew sospiża, u għaldaqstant ma kontx legalment awtorizzat sabiex issuq l-istess vettura. Dan il-fatt jikkostitwixxi ksur serju u sostantivi tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni fis-seħħ, bil-konsegwenza li inti ma tistax tinvoka, tibbenefika minn jew titlob kopertura taħt l-imsemmija polza fir-rigward tal-inċident de quo.

Għaldaqstant, permezz tal-preżenti, is-soċjetà Elmo Insurance Limited qed tavżak b'mod ċar li, f'każ li tkun kostretta tagħmel kwalunkwe ħlas lil terzi b'riżultat tal-inċident, hija se tipproċedi immedjatament u mingħajr preavviż b'azzjoni ta' rinvalza kontra tiegħek, u se titlob ir-rifużjoni sħiħa ta' kull somma mħallsa, flimkien ma mgħax, spejjeż, u kull aċċessorju ieħor permess mil-liġi.

Dan l-avviż qed jingħata u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet kollha tas-soċjetà mittenti, li qed jiġu espressament riżervati, inkluż id-dritt li tieħu kwalunkwe azzjoni legali oħra li tqis xierqa fil-konfront tiegħek.

Mingħajr ma dan jammonta għal ammissjoni ta' responsabbiltà min-naħa tas-soċjetà mittenti, inti qed tiġi mħeġġeġ bħala avviż finali sabiex tasal għal ftehim bonarju mas-sid tal-vettura EBO-427, bil-għan li jiġu evitati proċeduri ġudizzjarji ulterjuri, spejjeż u mgħaxijiet addizzjonali li, fin-nuqqas, se jiġu mfittxija mingħandek.

Tant sabiex tkun taf timxi.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-preżenti

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 30 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

CEI-875, driven by you at the time of the accident (the 'Accident' ).

The interpellant company formally warns you that, following the said accident, it was notified by means of a judicial letter filed on the 11th August, 2026, by the owner of the vehicle EBO-427 and his insurance, by means of which the interpellant company was called upon to make good for the damages suffered as a result of the same accident, amounting to the sum of €1,175.38.

That it results that, at the moment of the accident de quo, you were driving the vehicle in question despite that your driving licence had been revoked and/or suspended, and therefore you were not legally authorised to drive the same vehicle. That fact constitutes a serious and substantive breach of the conditions of the insurance policy in force, with the result that you cannot claim, benefit from or claim cover under that policy in respect of the de quo accident.

Therefore, by the present, the company Elmo Insurance Limited is clearly warning you that, in case it is constrained to make any payment to third parties as a result of the accident, it will proceed immediately and without prior notice with an enforcement action against you, and will request the full refund of any sum paid, together with interest, costs, and any other accessories permitted by law.

This notice is being given and without prejudice to all the rights of the interpellant company, which are being expressly reserved, including the right to take any other legal action it deems appropriate against you.

Without this amounting to an admission of responsibility on the part of the interpellant company, you are being urged as a final notice to reach an amicable agreement with the owner of the vehicle EBO-427, with the aim of avoiding further judicial procedures, additional costs and interest which, in default, will be sought from you.

So much so that you know how to proceed

With interest and costs of this present

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2875

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-1 ta' Settembru, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2400/2025, fl-ismijiet Automated Revenue

By means of a decree of the 1st September, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2400/2025 in the names

Management Services Ltd noe vs Gilbert Portelli ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Gilbert Portelli a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 23 ta' Ġunju, 2025

Lil Gilbert Portelli (KI 55077M) ta' Binja Qarbuni, Ent. 1, Fl. 1, Triq Jean De La Cassiere, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €2,235.42, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont u liema ammont jikkonsisti fis-segwenti:

i. Inkwantu l-kont numru 101000213356 l-ammont ta' €180.03 fil-fond bl-indirizz Flt 1, Ent. 1, Triq il-Mosta T/G Fl, San Pawl il-Baħar; u

ii. Inkwantu l-kont numru 101000094971 l-ammont ta' €2,055.39 fil-fond bl-indirizz Flt 1, Blk 1-4, Ent. 1, Binja Qarbuni, Triq Jean De La Cassier, SanPawl il-Baħar

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 30 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Automated Revenue Management Services Limited noe vs Gilbert Portelli, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Gilbert Portelli in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 23rd June, 2025

To Gilbert Portelli (ID 55077M) of Binja Qarbuni, Ent 1, Fl. 1, Triq Jean De La Cassiere, St Paul's Bay

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €2,235.42 which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount and which amount consists of the following:

i. As for bill number number 101000213356 the amount of €180.03 on the premises with address Flt 1, Ent. 1, Triq il-Mosta T/G Fl, St Paul's Bay; and

ii. As for bill number 101000094971 the amount of €2,055.39 on the premises with address Flt 1,Blk 1-4, Ent. 1, Binja Qarbuni, Triq Jean De La Cassiere, St Paul's Bay

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2876

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-1 ta' Settembru, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 916/2025, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Carmela Portelli, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Carmela Portelli a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 17 ta' Marzu, 2025

Lil Carmela Portelli (KI 545436M) ta' Dar għall-Anzjani, Triq l-Anzjani, L-Imtarfa

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €544.09, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-ligi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000035346 ossia dwar il-fond bl-indirizz 41, Triq in-Nofsinhar, Il-Belt Valletta.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 30 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 1st September, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 916/2025 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Carmela Portelli the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carmela Portelli in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 17th March 2025

To Carmela Portelli (ID 545436M) of Dar għall-Anzjani, Mtarfa.

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €544.09, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding the utility bills with number 101000035346 regarding the premises with address 41, Triq in-Nofsinhar, Valletta.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2877

Permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Settembru, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 664/2026, fl-ismijiet Maria Dolores Camilleri vs Bjorn Borg et, ordnat s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Bjorn Borg u Silvan Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Bord li jirregola l-Kera

Illum 9 ta' Frar, 2026

Lil Bjorn Borg (KI 408894M) u Silvan Borg (KI 432394M) ta' 89, Dar ir-Redentur, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

Permezz tal-preżenti, Maria Dolores Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 166667M, residenti fil-fond bin-numru 39, bl-isem 'Cherry Blossom', Triq Pawlu Borg, Ħ'Attard, filwaqt li tagħmel referenza għal ftehim ta' kera li hija ffirmat magħkom nhar it-18 ta' Ġunju tas-sena 2019, li kopja tiegħu hija hawn annessa u markata Dok. A, formalment tinterpellakom sabiex:

1. Tħallsu l-ammont dovut lejha ta' elfejn u ħames mitt (€2500) ewro f'kera dovuta lejha għal perjodu bejn l-1 ta' Frar tas-sena 2025 sal-31 ta' Jannar tas-sena 2026;

2. Kif ukoll li jekk mhix se tħallsu tali ammont dovut fiż-żmien konċess mil-liġi, intom tiżgumbraw mill-fond mikri lilkom u tgħaddu l-pussess tiegħu lill-esponenti;

Illi l-esponenti ilha li bagħtet avviż li hija mhijiex se ġġedded il-krija sa mill-14 ta' Awwissu tas-sena 2025 u dan in linea mal-istess ftehim ta' kera hawn anness, imma intom bqajtu tokkupaw l-art mingħajr ma tħallsu l-kera puntwalment.

Għaldaqstant, filwaqt li mingħajr preġudizzju għall-interpellazzjoni tagħha lilkom sabiex tħallsu immedjatament il-kera dovuta ta' żewġ skadenzi, permezz tal-preżenti, formalment qiegħda tavżakom li anke jekk isir il-ħlas tal-kirjiet dovuti, hija mhix se ġġedded il-kirja wara l-iskadenza li jmiss li hija l-31 ta' Lulju, 2026, u għalhekk għandkom tirritornaw il-pussess tal-art mikrija lilhom, nhar l-1 ta' Awwissu tas-sena kurrenti;

Illi l-ammont ta' kera dovut jikkompredi ħlas tal-aħħar żewġ skandenzi, u għaldaqstant intom mhux biss moruži imma ksirtu l-ftehim bil-miktub li intom għandkom mal-esponenti, li ilha tipprova tikkuntatjakom permezz tat-telefonija ċellulari għal bosta xhur, imma ħadd minnkom ma

By means of a decree of the 1st September, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of judicial letter number 664/2026, in the names Maria Dolores Camilleri vs Bjorn Borg et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Bjorn Borg and Silvan Borg in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the Rent Regulation Board

Today 9th February, 2026

To Bjorn Borg (ID 408894M) and Silvan Borg (ID 432394M) of 89, Dar ir-Redentur, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

By the present Maria Dolores Camilleri, holder of identity card number 166667M, residing at number 39, with the name 'Cherry Blossom', Triq Pawlu Borg, Ħ'Attard, whilst referring to a lease agreement which is signed with you on the 18th June of the year 2019, a copy of which is hereby attached and marked Doc. A, formally solicits you so that:

1. Pay the amount due to her of two thousand five hundred (€2500) euro in rent due to her for the period between the 1st February of the year 2025 till the 31st January of the year 2026;

2. And also that if you are not going to pay the amount due within the time given by law, you will evict from the premises leased to you and pass on its possession to the applicants;

That the interpellant has sent a notice that she is not going to renew the lease from the 14th August of the year 2025 and this in accordance with the same lease agreement hereby attached, but you continued to occupy the land without paying the rent punctually.

Thus, whilst without prejudice to her solicitation to pay immediately the rent due of two instalments, by means of this present, formally warns you that even if the payment of the rent due is made, it shall not renew the lease after the next installment which is 31st July, 2026, and thus you are to return the possession of the land leased to you, on the 1st August of the current year;

That the amount of rent due includes payment of the last two instalments, and thus you not only breached the written agreement you have with the interpellant, which has been trying to contact you through mobile telephony for several months, but none of you replied, with the exception of your

rrisponda, ħlief il-papà tagħkom li wiegħed lill-esponenti li se javżakom li hija kkuntattjatu sabiex jgħidilkom tħallsuha.

Fl-assenza li intom tibqgħu inadempjenti u ma tħallsux dak li huwa dovut minnkom, u ma tirritornawx il-pussess tal-art mikrija lilkom fiż-żmien konċess lilkom skont il-liġi, l-esponenti ma jkollha l-ebda alternattiva għajr li tinizja proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tagħkom, u li dan isir mingħajr l-ebda preavviż ieħor, bl-ispejjeż kollha inkorsi mill-klijenta tiegħi ikunu kollha a karigu tagħkom.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw il-pożizzjoni tagħkom aħjar u skont il-liġi. Bl-ispejjeż tal-preżenti.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 30 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

father who promised the interpellant that he will inform you that she contacted him to tell you to pay her.

In the absence that you remain in default and do not pay what is due by you, and do not return the possession of the land leased to you within the time given to you according to law, the applicant shall have no alternative but to institute judicial proceedings against you, and this shall be done without further notice, with all the costs incurred by my client being at your charge.

So much so that you may know how to proceed and regulate your position better and according to law. With costs of this present.

Registry of the Superior Courts, today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

2878

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-29 ta' Mejju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 302/2024, fl-ismijiet l-Avukat Dott. Frank B. Testa noe vs Mario Cutajar, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mario Cutajar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Magtistrati (Malta)

Illum 26 ta' Jannar, 2024

Lil Mario Cutajar (ID 905846M) ta' 44, Villa Poseidon, Triq id-Dorga, Ħ'Attard

Permezz tal-preżenti l-Avukat Dott. Frank B. Testa (KI 424180M) għan-nom u inrappreżentanza tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta ta' Building SCM01, Level 3, Suite 301-306, SmartCity, Ricasoli, Il-Kalkara, qiegħed jinterpellak sabiex int tħallas is-somma komplessiva ta' €4,327.96 oltre l-imgħax ulterjuri sal-ħlas effettiv. Dan l-ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut minnek lill-Awtorità mittenti u jirrappreżenta drittijiet dovuti minnek inkonnessjoni ma' drittijiet dovuti lill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta inkwantu għal-licenzja numru P/APP/V/67/9 li tkopri l-operat/stabbilment turistiku bl-indirizz Kaycee Bar, 28, Triq Sant'Antnin, San Pawl il-Baħar.

Din l-intima qiegħda ssir għal finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Awtorità mittenti qiegħda wkoll permezz ta' din l-ittra uffiċjali tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni guramentata mmarkata bħala Dokument A.

By means of a decree of the 29th May, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 302/2024 in the names Advocate Dr Frank B. Testa noe vs Mario Cutajar the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mario Cutajar in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 26th January, 2024

To Mario Cutajar (ID 905846M) of 44, Villa Poseidon, Triq id-Dorga, Ħ'Attard

By the present, Advocate Doctor Frank B. Testa (ID 424180M) for and on behalf of the Malta Tourism Authority of Building SCM01, Level 3, Suite 301-206, Smart City, Ricasoli, Kalkara is soliciting you so that you pay the global sum of €4,327.96 besides further interest till the effective payment. This amount is a certain, liquid and due debt and is due by you in solidum to the interpellant Authority and represents fees due by you in connection with fees due to the Malta Tourism Authority in connection with license number P/APP/V/67/9 covering the operation/establishment of the premises with address Kaycee Bar, 28, Triq Sant'Antnin, St Paul's Bay.

This solicitation is being made for all intents and purposes of Article 466 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta) and the interpellant Authority is also by means of this judicial letter notifying you with the attached declaration signed as document A.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda tintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek permezz ta' rikors fi żmien ta' għoxrin jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali skont l-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Awtorità mittenti tgħaddi sabiex tesegwixxi kontra tagħkom dan il-kreditu skont il-Liġi.

Illi fin-nuqqas ta' ħlas tal-imsemmi ammont minnek dovut lill-Awtorità mittenti skont kif indikat f'din l-ittra jew fil-każ li topponi t-talba kif fuq imsemmi, l-Awtorità mittenti tirriżerva d-dritt li tipproċedi ulterjorment kontra tiegħek skont il-liġi, mingħajr ebda preavviż ulterjuri, inkluż bil-ħrug tal-mandati opportuni skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u biex jiġu evitati spejjeż inutili.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-preżenti ittra uffiċjali u drittijiet legali u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 30 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

This judicial letter is being sent to you for all intents and purposes of law and in default of payment or opposition on your part by means of an application within twenty days from the service of this judicial letter according to Article 466 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta), the interpellant Authority shall proceed to enforce against you this debt according to law.

In default of payment of the said amount due by you to the interpellant Authority as indicated in this letter or in case you oppose the demand as abovementioned, the interpellant Authority reserves the right to proceed further against you according to law, without any further notice, including by requesting the issue of the opportune warrants according to law.

So much so that you may know how to proceed and to avoid useless expenses.

With costs including those of the present judicial letter and legal fees and legal interest till the date of effective payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2879

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-4 ta' Ġunju, 2026, fuq talba ta' Carmelo Block ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw tas-sidien tad-direct dominju mhux magħrufa fl-atti taċ-Ċedola numru 1003/2026, fl-ismijiet Carmelo Block vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' depożitu u kontestwalment fidi ta' ċens numru 1003/2026 ta' Carmelo sive Carmel Block, pensjonant, armel ta' Concetta Block, iben Francis sive Francesco Block u Magdalen sive Madalena Block née Vella, imwieled il-Ħamrun, Malta, fit-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elf disgħa mija u tnejn u erbgħin (1942) u residenti Zammit Clapp Residential Home, Triq Reġġie Miller, San Ġiljan, detentur tal-karta tal-identità numru 0464942M vs Kuraturi Deputati inrappreżentanza tas-sidien tad-direct dominju mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-13 ta' Mejju, 2026, fejn Carmelo Block jesponi bir-rispett:

Banns for Curators

Republic of Malta

To a Court Marshall

By means of a decree given by this Court on the 4th June, 2026, following a request of Carmelo Block it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown owners of the direct dominium in the records of the Schedule of Deposit number 1003/2026, in the names Carmelo Block vs Deputy Curatorsand in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of deposit and redemption of groundrent number 1003/2026 of Carmelo sive Carmel Block, pensioner, widower of Concetta Block, son of Francis sive Francesco Block and Magdalen sive Madalena Block née Vella, born in Ħamrun Malta on the twelfth (12) of August of the year one thousand nine hundred and forty two (1942) and residing at Zammit Clapp residential Home, Triq Reġġie Miller, St Julian's, holder of identity card number 0464942M vs Deputy Curators representing the unknown owners of the direct dominium, filed in the First Hall of the Civil Courts on the 13th May, 2026, whereby Carmelo Block respectfully submitted:

Illi l-esponent xtara flimkien ma martu llum defunta l-fond dak iż-żmien bla numru uffiċjali u llum iġib in-numru ħamsa, bl-isem ta' Concarm'dari 'Clayton' mibnija fuq l-arja ta' Drive in u tliet basement garages fi Triq Baldassare Lanci ġja deskritta bħala triq ġdida bla isem li tiżbokka ġo Vjal Cottoner, il-Fgura, suġġetta għar-rata tagħha ta' ċens annwu u perpetwu ta' ħamsin ċenteżmu u dana permezz ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar George Cassar nhar it-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987), kopja annessa u mmarkata 'Dok. A';

That the applicant bought together with his wife today deceased the premises at that time without official number and today bears the number five, with the name 'Concarm' formerly 'Clayton' built on the airspace of drive in and three basement garages in Triq Baldassare Lanci already described as new street without name which abuts in Vjal Cottoner, Fgura, subject to its annual and perpetual groundrent of fifty cents and this by means of a contract published by Notary George Cassar on the eighteenth (18) September of the year one thousand nine hundred and eighty seven (1987), copy attached and marked 'Doc. A' ;

Illi proprjetà tinsab murija fuq il-pjanta annessa u mmarkata 'Dok. B';

That property is shown on the attached plan and marked 'Doc. B' ;

Illi Concetta Block ġiet nieqsa fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u l-eredità tagħha iddevolviet kollha fuq żewġha l-esponent Carmelo Block u dan ai termini tal-aħħar testment tagħha ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Pierre Cassar tal-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009);

That Concetta Block died on the twenty-third (23) of February of the year two thousand and twenty-four (2024) and her inheritance devolved all on her husband the applicant Carmelo Block and this in terms of her last will published in the records of Notary Dr Pierre Cassar of the eleventh (11) of May of the year two thousand and nine (2009);

Illi sehem Concetta Block ġie dikjarat fid-dikjarazzjoni Causa Mortis ippubblikata fl-atti tan-Nutar Amanda Grech tas-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn erba' u għoxrin (2024);

That the share of Concetta Block was declared in the declaration causa mortis published in the records of Notary Amanda Grech of the twenty sixth (26) of September of the year two thousand twenty four (2024);

Illi l-esponent m'għandux kuntatt mad-direttarji u m'għandux informazzjoni dwar it-titolu tal-istess Dirett Dominju;

That the applicant has no contact with the direct owners and has no information regarding the title of the same direct Dominium;

Illi għalhekk kontestwalment ma' din iċ-ċedola, l-esponent qiegħed jippreżenta rikors għal ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa;

That thus together with this schedule of deposit, the applicant is filing an application for the appointment of deputy curators to represent the unknown owners;

Illi l-esponent irid li jifdi ċ-ċens li hemm mgħobbi fuq il-fond u għalhekk qiegħed jipprevalixxi ruħu mill-fakultà mogħtija mill-Artikolu elf ħames mija u wieħed (1501) tal-Kodiċi Ċivili Kap. sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta;

That the applicant wants to redeem the groundrent burdened on the premises and thus is availing himself of the faculty given by Article one thousand five hundred and one (1501) of the Civil Code Cap. sixteen (16) of the Laws of Malta;

Illi s-somma ta' ħamsin ċenteżmu tal-lira Maltija (Lm0.50c) huma llum ekwivalenti għal ewro u sittax-il ċenteżmu tal-ewro (€1.16) u kapitalizzati bil-ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal tlieta u għoxrin ewro u għoxrin ċenteżmu tal-ewro (€23.20);

That the sum of fifty cents of the Maltese lira (Lm0.50c) is today equivalent to one euro and sixteen euro cents (€1.16) and capitalised at five percent (5%) amounts to twenty three euro and twenty euro cents (€23.20);

Illi l-esponent jixtieq ukoll jiddepożita ħames (5) snin ċens b'lura fl-ammont ta' ħames ewro u tmenin ċenteżmu (€5.80);

That the applicant wishes also to deposit five (50 years groundrent in arrears in the amount of five euro and eighty cents (€5.80);

Illi għalhekk l-ammont li se jkun qed jiġi depożitat jammonta għal disgħa u għoxrin ewro (€29).

That thus the amount that shall be deposited amounts to twenty nine euro (€29).

Għaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 1501 tak-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent qed jadixxi lil din

Thus, in terms of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta, the applicant is calling upon this Honourable Court

l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qed jiddepożita s-somma ta' disgħa u għoxrin (€29) għall-fidi ta' dan l-istess ċ-ċens u l-ħlas ta' ħames snin ċens b'lura, sabiex tiġi liberament żbankata kif indikat hawn fuq mill-intimati kontra r-rilaxx tas-solita riċevuta skont il-liġi.

Depożitant: Carmelo Block, Zammit Clapp Residential Home, Triq Regġie Miller, San Ġiljan

Notifika: Kuraturi deputati
Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta
Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet, 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Rachel Montebello, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 4 ta' Ġunju, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and under its authority is depositing the sum of twenty nine euros (€29) for the redemption of this same groundrent and the payment of five years groundrent arrears, so that it be freely withdrawn as indicated above by the respondents against the release of the usual receipt according to law.

Depositor: Carmelo Block, Zammit Clapp Residential Home,Triq Regġie Miller, St Julian's

Notification: Deputy curators
Director Public Registry, Triq l-Arċisqof, Valletta

Director Land Registry 116, Triq il-Punent, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Rachel Montebello, LLD, Doctor of Laws.

Today 4th June, 2026

Registry of the Superior Courts, today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2880

Illi b'digriet tat-Tribunal Industrijali, tat-12 ta' Mejju, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fuq Julian Andres Portilla Lopez.

AMD Consulting Ltd (C89599) ta' Sunrise Lower Court, Triq Olaf Gollcher, Birkirkara, ippreżentat Talba numru 4518GV, fis-26 ta' Settembru, 2025, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jiddikjara lil Julian Andres Portilla Lopez (KI 458668A) ta' Solar Mans, Flat 1, Triq il-Karmnu, San Ġiljan STJ 1042:

By a decree of the Industrial Tribunal of 12th May, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Julian Andres Portilla Lopez in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) .

AMD Consulting Ltd (C89599) of Sunrise Lower Court, Triq Olaf Gollcher, Birkirkara, filed an application number 4518GV on the 26th September, 2025, whereby the plaintiff company asked the Tribunal to declare that Julian Andres Portilla Lopez (KI 458668A) of Solar Mans, Flat 1, Triq il-Karmnu, St Julian's STJ 1042:

1. Li l-intimat kisret id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 452 tal-Ligi ta' Malta, l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali meta ttermina l-impjieg tiegħu;

2. Jikkundanna lill-intimat biex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €840 jew somma verjuri ai termini tal-Artikolu 36(12) tal-Kap. 452 tal-Liġi ta' Malta, l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

3. Jillikwida kumpens xieraq u gust pagabbli lis-soċjetà rikorrenti għal telf ta' negozju li seta' sofriet minħabba l-aġir tal-intimat;

4. Jikkundanna lill-intimat biex iħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont likwidat skont it-tielet talba.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa min issa inġunt in subizzjoni.

Notifika: Julian Andres Portilla Lopez (KI 458668A) ta' Solar Mans, Flat 1, Triq il-Karmnu, San Ġiljan STJ 1042

Il-każ jinsab differit għall-15 ta' Diċembru, 2026, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 30 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Breached the provisions of Cap 452 of the Laws of Malta, the Employment and Industrial Relations Act when she abandoned her employment;

2. Order the respondent to pay the plaintiff company the sum of €840 or any other sum in terms of Article 36 (12) of Cap 452 of the Laws of Malta, the Employment and Industrial Relations Act;

3. Liquidate the appropriate and just compensation payable to the applicant company for the loss of business which it may have suffered due to the behaviour of the respondent;

4. Order the respondent to pay the applicant company the amount liquidated according to the third demand.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

notification: Julian Andres Portilla Lopez (ID 458668A) of Solar Mans, Flat 1, Triq il-Karmnu, St Julian's STJ 1042

The Case is adjourned to the 15th December, 2026, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2881

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Awwissu, 2026, mill-Prim'Awla tal-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament numru 1104/2026, fl-ismijiet (rikorrenti) Indis Malta Limited vs (intimat) Pera Labs Malta Limited ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Pera Labs Malta Limted a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur al-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti, fl-ismijiet (rikorrenti) Indis Malta Limited (C28955) vs (intimat) Pera Labs Malta Limited (C98481), fid-29 ta' Lulju, 2026, ir-rikorrenti Indis Malta Limited (C28965) talbu lil dan l-Onorabbli Qorti:

Jordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Żgumbrament kontra l-intimat (mill-fond infraskritt) in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta, u billi l-intimat naqas li jagħmel dan sal-lum.

Fond: MST023A sitwat ġewwa l-Mosta Technopark fil-Mosta

By means of a decree of the 26th Awwissu, 2026, by the First Hall of the Civil Court, in the records of the Warrant of Eviction number 1104/2026 in the names (Applicant) Indis Malta Limited vs (respondent) Pera Labs Malta Limited the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Pera Labs Malta Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the First Hall of the Civil Court, in the names (applicants) Indis Malta Limited (C28955) vs (respondent) Pera Labs Malta Limited (C 98481), filed on the 29th July, 2026, the applicants Indis Malta Limited (C28965) asked this Honourable Court:

To order the issuing of a Warrant of Eviction against the respondent (from the under mentioned premises) in execution of the under mentioned judgement and this since the respondent failed to do this till this day.

Premises: MST023A found at the Mosta Technopark in Mosta

Sentenza: Liberazzjoni tal-fond skont l-ittra uffiċjali 3439/2025 hawn fuq imsemmija u tramite l-Artikoli 9 u 10 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ittra uffiċjali hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A.

Illum 29 ta' Lulju, 2026

Ippreżentant mill-Avukat Ian J. Stafrace u l-PL Daniel Aquilina

Mandat ta' Żgumbrament

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qorti

Mogħti mill-Qorti Prim'Awla bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff, LLD, Duttur tal-Ligi, Imħallef tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 4 ta' Awwissu, 2026

Intimat notifika: Pera Labs Malta Limited, MST023A, Mosta Technopark, Mosta MST 3000, Malta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Judgement: Adjudication of the premises according to a judicial number 3439/2025 abovementioned and by means of Article 9 and 10 of the Laws of Malta, which judicial letter is here attached and marked as Doc. A.

Today 29th July, 2026

Filed by Dr Ian J. Stafrace and PL Daniel Aquilina.

Warrant of Eviction

Republic of Malta

Court Warrant

To the Court Marshall

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Lawrence Mintoff, LLD, Doctor of Laws.

Today 4th August, 2026

Notification respondent Pera Labs Malta Limited, MST023A, Mosta Technopark, Mosta MST 3000, Malta

Registry of the Superior Courts, today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2882

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-19 ta' Settembru 2025 fuq talba ta' John Borg et ġie ordnat sabiex jigu appuntati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1894/2025, fl-ismijiet John Borg et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' John Borg, pensjonant, miżżewweġ, iben Salvatore Borg u Paola Borg née Borg u residenti Tas-Sliema, detentur tal-karta tal-identità numru 466648M flimkien ma' martu, Patricia Borg, pensjonanta, bint Daniel Craig u Patricia Craig née Strachan u residenti Tas-Sliema, detentriċi tal-karta tal-identità numru 263616L vs Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw sidien

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 19th of September 2025 following a request of John Borg et it was ordered that deputy curators be appointed to represent the unknown direct owners in the acts of the schedule of deposit number 1894/2025, in the names John Borg et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1894/2025 in the names of John Borg, pensioner, married, son of Salvatore Borg and Paola Borg née Borg and residing in Tas-Sliema, holder of identity card number 466648M together with his wife, Patricia Borg, pensioner, daughter of Daniel Craig and Patricia Craig née Strachan and residing in Tas-Sliema, holder of identity card

injoti, ippreżentata fl-10 ta' Settembru 2025, John Borg et qed jesponu bir-rispett;

1. Illi permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Peter Carbonaro tal-erbatax (14) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002), l-Esponenti akkwistaw l-appartament internament numerat erbgħa (4) formanti parti mill-blokka ta' bini bil-bieb prinċipali li jġib in-numru ċiviku disgħa u għoxrin (29) fi Triq San Mikiel, Bormla, kif suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħames liri Maltin (Lm5) illum ekwivalenti għall-ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) parti miċ-ċens globali illi jkopri l-art kollha, bid-drittijiet u ġustijiet u pertinenzi kollha tiegħu, dan kif indikat skont l-istess kuntratt ta' akkwist hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A' u kif jidher mis-site plan hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'B';

2. Illi din il-proprjetà hija għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħames liri Maltin (Lm5) illum ekwivalenti għal ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) parti miċ-ċens globali illi jkopri l-art kollha;

3. Illi l-esponenti jixtiequ jifdu dan iċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) gravanti l-fond hawn deskritt u għalhekk qegħdin jipprevalixxu ruħhom mill-provvedimenti tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdu l-imsemmi ċens kif stipulat fil-liġi, biex dan il-fond imsemmi isir liberu u frank minn kull ċens;

4. Illi l-imsemmi ċens kapitalizzati skont il-liġi bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jekwivale għas-somma ta' mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);

5. Illi l-esponenti qegħdin iħallsu lawdemju ammontanti għal ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) rappreżentanti sena ċens.

Għaldaqstant, l-esponenti jadixxi din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha jiddepożitaw:

1. Is-somma ta' ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) rappreżentanti ħlas ta' lawdemju;

2. Is-somma ta' mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) sabiex jifdu ċ-ċens impost fuq il-fond imsemmi u jitolbu biex l-imsemmija somma tiġi liberament żbankata mill-intimati wara li jħallu d-debita riċevuta u dan għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

3. Is-somma ta' tmienja u ħamsin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23) liema somma tirrappreżenta il-ħlas taċ-ċens tal-aħħar ħames (5) snin.

number 263616L vs Deputy Curators to represent unknown owners, filed in the First Hall of the Civil Courts on the 10th September 2025, whereby John Borg (ID 466648M) et respectfully submitted;

1. That by means of a contract in the records of Notary Peter Carbonaro dated the fourteenth (14th) of June of the year two thousand and two (2002), the applicants acquired the apartment internally numbered four (4) forming part of the block of buildings with the main door bearing the civic number twenty nine (29) in Triq San Mikiel, Cospicua, as subject to the annual and perpetual groundrent of five Maltese lira (Lm5) today equivalent to eleven euro and sixty five cents (€11.65) part of the global groundrent covering all the land, with all its rights and enjoyments and appurtenances, as indicated according to the same contract of acquisition hereby attached and marked as Doc. 'A' and as shown on the site plan hereby attached and marked as Doc. 'B';

2. That this property is for the annual and perpetual groundrent of five Maltese lira (Lm5) today equivalent to eleven euro and sixty five cents (€11.65) part of the global groundrent which covers all the land;

3. That the applicants wish to redeem this annual and perpetual groundrent of eleven euro and sixty five cents (€11.65) burdening the premises herein described and are thus availing themselves of the provisions of Article 1501 of the Civil Code, Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the said groundrent as stipulated in law, so that the said premises becomes free and unencumbered from any groundrent;

4. That the said groundrent capitalised according to law at the rate of five per cent (5%) is equal to the sum of two hundred thirty two euro and ninety four cents (€232.94);

5. That the applicants are paying a laudemium amounting to eleven euro and sixty five cents (€11.65) representing one year groundrent.

Therefore, the applicant calls upon this Honourable Court and under its authority deposits:

1. The sum of eleven euro and sixty five cents (€11.65) representing the payment of laudemium;

2. The sum of two hundred thirty two euro and ninety four cents (€232.94) to redeem the groundrent imposed on the said premises and request that the said sum be freely withdrawn by the respondents after leaving the due receipt for all intents and purposes of the law;

3. The sum of fifty eight euro and twenty three cents (€58.23) which sum represents the payment of groundrent for the last five (5) years.

Esponenti: John Borg et (466648M)

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Onda Building, Triq Aldo Moro, il-Marsa MRS 9065
Reġistratur tal-Artijiet, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta
Uffiċċju Konġunt, Dipartiment Proprjetà tal-Gvern, Il-Berġa tal-Baviera, Triq San Sebastjan, Il-Belt Valletta VLT 2000
Direttur tar-Reġistru Pubbliku,Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Robert G. Mangion, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 19 ta' Settembru, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: John Borg et (466648M)

Notification: Director Public Registry – Onda Building, Triq Aldo Moro Marsa, MRS 9065
Land Registrar, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta

Joint Office, Government Property Department, Auberge de Baviere, Triq San Sebastjan, Valletta VLT 2000

Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Robert G. Mangion, LLD, Doctor of Laws.

Today 19th September, 2025

Registry of the Superior Courts, today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2883

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 2026, fuq talba ta' Sandra Stellini et ġie ordnat, biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti David Cremona, fl-atti taċ-ċedola numru 1868/2026, fl-ismijiet Sandra Stellini et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u Kontestwali Fidi ta' Ċens numru 1868/2026 ta' Sandra Stellini (KI 90078M),

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 5th October, 2026, following a request of Sandra Stellini et it was ordered, that deputy curators be chosen to represent the absent David Cremona, in the records of the schedule of deposit number 1868/2026, in the names Sandra Stellini et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and Redemption of groundrent number 1868/2026 of Sandra Stellini (90078M),

divorzjata u bla impjieg, Noel Stellini (KI 36074M), legalment separat u impjegat u Simon Stellini (KI 321271M), legalment separat u bla impjieg, aħwa Stellini, ulied il-mejjet Carmel Stellini u Mary Vella née Azzopardi, imweldin Tal-Pietà, rispettivament fit-3 ta' Frar ,1978, fid-19 ta' Diċembru, 1973 u fid-29 ta' Lulju, 1971, u joqgħodu Sandra u Simon 302, Tarcisio Flats, Flat 1, Triq D'Argens, Il-Gżira, u Noel Stellini 14, Flat 4, Triq il-Flotta, Il-Gżira, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti David Cremona, jew lis-suċċessuri tiegħu mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-22 ta' Settembru, 2026, fejn Sandra, Noel u Simon Stellini jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti akkwistaw b'donazzjoni mingħand missierhom Carmel Stellini l-utile dominju perpetwu tal-appartament internament markat bin-numru wieħed (1), fil-blokk uffiċjalment markat bin-numru tliet mija u tnejn (302) u jismu 'Tarcisio Flats', fi Triq D'Argens, Il-Gżira, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€2.51), ekwivalenti għal lira Maltija seba' ċenteżmi u seba' milleżmi (Lm1.07,7) pagabbli lil David Cremona jew is-suċċessuri tiegħu, altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, b'att tan-Nutar Dott. Alexander Joseph Sciberras Trigona tal-15 ta' Marzu, 2000, kif jidher immarkat fil-pjanta hawn annessa (Doki. A u B);

Illi oriġinarjament, missier l-esponenti Carmel Stellini kien akkwista dan l-utile dominju perpetwu b'titolu oneruż b'att tan-Nutar Patrick Critien tad-19 ta' Ottubru, 1994, (Dok.C);

Illi l-esponenti ma jafux jekk il-padrun dirett David Cremona għadux ħaj, jew fejn jinsab, jew min huma s-suċċessuri tiegħu;

Illi huma jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija bl-artikolu elf ħames mija u wieħed (1501) tal-Kodiċi Ċivili, u jifdu dan iċ-ċens kif stipulat fil-liġi;

Illi ċ-ċens annwu u perpetwu gravanti dan l-appartament fl-ammont ta' żewġ ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€2.51), kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) fis-sena, jammonta għal €50.20 (ħamsin ewro u għoxrin ċenteżmu);

Illi inoltre, l-esponenti qed jiddepożitaw l-ekwivalenti tal-arretrati taċ-ċens għall-aħħar ħames snin, ammontanti għal €12.55 (tnax-il ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu);

Illi l-esponenti Sandra Stellini u Simon Stellini jokkupaw dan l-appartament bħala r-residenza ordinarja tagħhom.

Għaldaqstant, l-esponenti jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma komplessiva ta' €62.75 (tnejn u sittin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu), u ċoè:

divorced and unemployed, Noel Stellini (36074M), legally separated and employed; and Simon Stellini (321271M), legally separated and unemployed, siblings Stellini, sons of the late Carmel Stellini and Mary Vella née Azzopardi, born in Tal-Pietà respectively on the 3rd February, 1978, on the 19th December, 1973, and on the 29th July, 1971 and residing at Sandra and Simon 302, Tarcisio Flats, Flat 1, Triq D'Argens, Gżira, and Noel Stellini 14, Flat 4, Triq il-Flotta, Gżira, vs Deputy Curators to represent the absent David Cremona, or his unknown successors, filed in the First Hall of the Civil Courts on the 22nd September, 2026, whereby Sandra, Noel and Simon Stellini respectfully submitted:

That the applicants acquired by donation from their father Carmel Stellini the perpetual utile dominium of the apartment internally marked with number one (1), in the block officially marked with number three hundred and two (302) and named 'Tarcisio Flats', in Triq D'Argens, Gżira, subject to the annual and perpetual groundrent of two euro and fifty one cents (€2.51), equivalent to one Maltese lira seven cents and seven mils (Lm1.07,7) payable to David Cremona or his successors, otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, by deed of Notary Doctor Alexander Joseph Sciberras Trigona of the 15th March, 2000, as shown marked in the attached plan (Doc. A and B);

That originally, the father of the applicant Carmel Stellini had acquired this perpetual utile dominium by onerous title by a deed of Notary Patrick Critien of the 19th October, 1994, (Doc. C);

That the applicants do not know whether the direct owner David Cremona is still alive, or where he is, or who are his successors;

That they wish to avail themselves of the faculty given by Article one thousand five hundred and one (1501) of the Civil Code, and redeem this groundrent as stipulated in law;

That the annual and perpetual groundrent burdening this apartment in the amount of two euro and fifty one cents (€2.51) capitalised at the rate of five per cent (5%) per year, amounts to €50.20 (fifty euro and twenty cents);

That furthermore, the applicants are depositing the equivalent of the arrears of groundrent for the last five years, amounting to €12.55 (twelve euro and fifty five cents);

That the applicants Sandra Stellini and Simon Stellini occupy this apartment as their ordinary residence.

Therefore, the applicants call upon this Honourable Court and under its authority deposit the global sum of €62.75 (sixty two euro and seventy five cents), namely:

a) €12.55 (tnax-il ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu) għas-saldu tal-arretrati ta' ċens dovut lill-intimat; u

b) €50.20 (ħamsin ewro u għoxrin ċenteżmu) prezz tal-fidi taċ-ċens annwu u perpetwu dovut lill-intimat;

U pagabbli lill-kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-padrun diretti jew padruni diretti tal-appartament 302, Tarcisio Flats, Flat 1, Triq D'Argens, Il-Gżira, wara li jħallu d-debita riċevuta għas-saldu skont il-liġi.

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta

Reġistratur tal-Art, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 5 ta' Ottubru, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

a) €12.55 (twelve euro and fifty five cents) for the settlement of the arrears of groundrent due to the respondent; and

b) €50.20 (fifty euro and twenty cents) price of redemption of the annual and perpetual groundrent due to the respondent;

And payable to deputy curators appointed to represent the interests of the direct owner or direct owners of apartment 302, Tarcisio Flats, Flat 1, Triq D' Argens, Gżira, after leaving the due receipt for settlement according to law.

Notifications: Director Public Registry, Triq id-Dejqa, Valletta

Land Registrar, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Jacqueline Padovani Grima, LLD , Doctor of Laws.

Today 5th October, 2026

Registry of the Superior Courts, today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2884

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-4 ta' Ġunju, 2026, fuq rikors ta' 35°14° Capital SCC plc (C105417) taġixxi għan-nom ta' Cell Couros, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 12 ta' Novembru, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 04th June, 2026 on the application of 35°14° Capital SCC plc (C105417) acting on behalf of Cell Couros, Thursday, 12th November, 2026, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

Villa semi detached, b'garaxx anness u interkonness, appartament sottostanti, ġnien fuq quddiem u fuq wara, kif ukoll drive way fuq il-ġenb, uffiċjalment numerat bin-numru tmienja (8) u bl-isem Villa Mdina, fi Triq il-Ġwielaq, Is-Swieqi, konfinanti mill-Punent ma' Triq il-Ġwielaq, u fuq konfini oħra ma' proprjetajiet ta' terzi, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar John Gambin datat id-29 ta' Marzu, 1993, u stmat li jiswa miljun u tmenin elf ewro (€1,080,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Shembesh Muhannad sive Mohamed (KI 0296523L).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 23/2026.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 15 ta' Ottubru, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The semi detached villa, with an annexed and interconnected garage, underlying apartment, a back garden and front garden, side drive, officially numbered number eight (8) and named Villa Mdina, in Triq il-Gwielaq, Swieqi, bounded West with Triq il-Gwielaq, and other boundaries with third party properties, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, as described in the acts of Notary John Gambin dated the twenty ninth of March, of the year nineteen ninety three (29.3.1993) and is valued at one million and eighty thousand euro (€1,080,000).

The said tenement is the property of Shembesh Muhannad sive Mohamed (ID 0296523L).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 23/2026.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 15th October, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2885

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Frar, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4253/2025, fl-ismijiet Alfrida Grima vs Carmel Pisani et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Carmel Pisani a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

Illum 23 ta' Settembru, 2025

Lil Carmel Pisani (KI 148970M) ta' 113, Triq Ħal Tarxien, Paola, u Sinod Oorothu Sasidharan (KI 0188782 A) ta' 132, Ta' Nena, Triq Ġużè D'Amato, Ħal Tarxien.

Permezz tal-preżenti, Alfrida Grima (KI 0653344M) ta' 15, Triq S. Cachia Zammit, Birżebbuġa, tirreferi għall-proprjetajiet bl-indirizz 142 u 148 fi Triq Ħaż-Żabbar, Paola, li ġew mikrija lilkom bis-saħħa ta' kuntratt ta' kera kummerċjali datat fis-16 ta' April, 2025.

Sad-data ta' din l-ittra uffiċjali, intkom bqajtu kuntrattwalment inadempjenti f'diversi kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt, fosthom fil-ħlas puntwali tal-kera u tal-kontijiet tal-utilità. Sal-lum, hemm is-somma ta' €3,514.67ċ li hija dovuta lill-mittenti f'dan ir-rispett. Lil hinn minn hekk, il-mittenti ġiet mgħarrfa li intkom m'intkomx koperti b'polza ta' assigurazzjoni adegwata sabiex toperaw il-proprjetajiet mikrija lilkom, u li m'intkomx qegħdin toperaw in-negozju mill-proprjetà mikrija lilkom bil-liċenzji relattivi maħruġa mill-awtoritajiet konċernati.

By means of a decree of the 5th February, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of the judicial letter number 4253/2025, in the names Alfrida Grima vs Carmel Pisani et, the following publication for the purpose of service on the respondent Carmel Pisani was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the Rent Regulation Board

Today 23rd September, 2025

To Carmel Pisani (ID 148970 M) of 113, Triq Ħal Tarxien, Paola, and Sinod Oorothu Sasidharan (ID 0188782A) of 132, Ta' Nena, Triq Ġużè D'Amato, Ħal Tarxien.

By the present, Alfrida Grima (ID 0653344M) of 15, Triq S. Cachia Zammit, Birżebbuġa, refers to the properties with address 142 and 148 in Triq Ħaż-Żabbar, Paola, which were leased to you under a commercial lease agreement dated 16th April, 2025.

Until the date of this judicial letter, you remained contractually in default in various conditions of this contract, amongst them the timely payment of rent and utility bills. Till today, there is the sum of €3,514.67c which is due to the interpellant in this respect. Apart from this, the interpellant was informed that you were not covered by an adequate insurance policy to operate the properties leased to you, and that you were not carrying on business from the property leased to you with the relative licenses issued by the authorities concerned.

Għalhekk, il-mittenti qiegħda formalment tinterpellakom sabiex tħallsu dak kollu li sal-lum huwa dovut minnkom, li kif ingħad jammonta għal €3,514.67ċ. Dan għandkom tagħmlu fi żmien ħmistax-il (15) jum min-notifika ta' din l-ittra. Fin-nuqqas illi taffetwaw il-ħlas f'dan iż-żmien, il-mittenti se tkun qiegħda tipproċedi kontrikom bi proċeduri ġudizzjarji fejn se tkun qiegħda titlob il-ħlas u t-terminazzjoni tal-kuntratt, mingħajr ebda preavviż ieħor.

Finalment, peress illi m'intkomx koperti b'polza tal-assigurazzjoni, il-mittenti qiegħda żżomkom formalment responsabbli għal kwalunkwe danni li jista' jseħħ fuq il-post. Bl-istess mod, il-mittenti qiegħda żżomkom responsabbli għal kwalunkwe multi u/jew ħlas ieħor li jkollha tagħmel minħabba li qegħdin toperaw mingħajr il-liċenzji meħtieġa. Qisu għalhekk li fl-istess żmien hawnhekk stipulat, tirregolaw il-pożizzjoni tagħkom f'dan ir-rigward.

Għal kull bon fini, din l-ittra uffiċjali qiegħda tintbagħat ai termini tal-Artikolu 1570 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż tal-preżenti ittra uffiċjali, u bl-imgħax skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 30 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTSA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Thus, the interpellant is formally calling upon you to pay all that till today is due by you, which as stated amounts to €3,514.67c. You are to do this within fifteen (15) days from the notification of this letter. In default of effecting payment within this time, the interpellant shall be proceeding against you by judicial proceedings where it shall be demanding the payment and termination of the contract, without further notice.

Finally, since you were not covered by an insurance policy, the interpellant is formally holding you responsible for any damages that may occur on the spot. In the same manner, the interpellant is holding you responsible for any fines and/or other charges you all make because they are operating without the necessary licenses. Consider, therefore, that at the same time, you regulate your position in this regard.

For all intents and purposes, this judicial letter is being sent in terms of Article 1570 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

With costs of this present judicial letter, and with interest according to law.

Registry of the Superior Courts, today 30th October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

2886

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru, 2026, fuq talba ta' Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal ġie ordnat li jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Rapinett Jacqueline fl-atti tar-rikors numru 29/2026 NB u fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali vs Jacqueline Rapinett (KI 56077M) u Roderick Gauci (KI 0418377M), ippreżentat fil-15 ta' Mejju, 2026, id-Direttur esponenti qiegħed bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna li l-ewwel minuri tirresjedi mal-missier Roderick Gauci fir-residenza tiegħu Valley Crest, Blokk B, Flat 2, Sqaq Santa Venera, L-Imsida, b'dan li l-istess missier jikkopera ma' dan id-Direttorat għal kwalunkwe

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 8th October, 2026, following a request of the Directorate for Child Protection it was ordered that deputy curators be chosen to represent Rapinett Jacqueline in the records of the application number 29/2026NB and in the relative and subsequent acts.

By means of an application in the names Directorate for Child Protection within the Foundation for Social Welfare services vs Jacqueline Rapinett (ID 56077M) and Roderick Gauci (ID 0418377M), filed on the 15th May, 2026, the applicant Director respectfully requests this Honourable Court to:

1. order that the first minor resides with the father Roderick Gauci at his residence Valley Crest, Block B, Flat 2, Sqaq Santa Venera, Msida, provided that the same father cooperates with this Directorate for any visits that may take

viżti li jistgħu jseħħu mingħajr avviż u kwalunkwe rakkomandazzjoni favur l-aħjar interessi tal-minuri … omissis …;

2. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri għandha tiġi vestita fil-missier is-Sur Roderick Gauci sabiex ikun jista' jamministra l-kura ordinarja u straordinarju tal-minuri inkluż aspetti relatati mal-edukazzjoni u trattamenti mediċi fejn il-passaport, ħwejjeġ u uniformi, kotba edukattivi u kwalunkwe materjal personali li jappartjeni lill-istess minuri għandu minnufih jiġi rilaxxat lill-istess missier;

3. Tawtorizza li t-tieni minuri jirrisjedi ġewwa residenza liċenzjata u approvata mill-awtorità rispettiva u d-Direttur esponenti, fejn il-baby book u passaport li jappartjeni lill-minuri għandu jiġi rilaxxat fil-pussess ta' dan id-Direttorat;

4. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn id-Direttur tad-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) li jkollu s-setgħa illi jiddelega l-awtorità illi jkunu amministrati deċiżjonijiet rigwardanti l-edukazzjoni u trattamenti mediċi, terapewtiċi u psikjatriċi lil persuna/i ta' fiduċja jew persuna/i li għandhom il-kompitu li jamministraw djar ta' kura alternattiva;

5. Tawtorizza lil ħaddiema soċjali fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u/jew id-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) japplika u jagħmel dak kollu neċessarju mad-dipartimenti rispettivi inkluż dak tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jekk ikun il-każ għall-applikazzjoni u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri mingħajr awtorizzazzjoni u/jew firma tal-omm;

6. Tawtorizza lil dan id-Direttorat u/jew id-Direttur tad-Direttorat Kura Alternattiva tamministra kwalunkwe vaċċin u/jew tilqim rakkomandat minn tobba u professjonisti mediċi;

7. Tordna illi kwalunkwe kuntatt taż-żewġ minuri mal-omm għandu jsir taħt superviżjoni regolata mid-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ), fejn l-istess Direttorat ikollu l-fakultà illi wara li jeżamina l-benefiċċju għall-minuri minn tali aċċess għandu jkollu wkoll il-fakultà illi jieħu d-deċiżjonijiet li jnaqqas, jestendi, iżid, jissospendi jew jittermina l-aċċess jekk dan ikun ta' ħsara għall-minuri;

8. Tappunta r-rikors odjern għas-smigħ;

9. Tappunta Avukat tat-Tfal sabiex jipprovdi spjegazzjoni, jipprovdi kull informazzjoni lill-minuri, jassisti u jippreżenta l-fehmiet tal-minuri quddiem din l-Onorabbli Qorti;

10. Tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tad-Direttur għad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal kif dedotti fir-rapport anness

